MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2008

Citazzjoni Numru. 1046/1994/1

**Peter Busuttil.**

**vs**

**Godfrey Grima u John Vella ghan-nom u in rapprezentanza ta' Associcated News (M) Limited.**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ic-citazzjoni attrici datata 13 ta' Lulju 1994 a fol. 1 tal-process, u pprezentata quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Albert J. Magri fejn gie premess:-

Illi l-attur gie mqabbad bhala direttur biex itella' u jorganizza *"Theatre in Education Programme*" (TIE) fi skejjel primarji Maltin;

Illi l-attur wettaq dan ix-xoghol u kellu jithallas l-ammont ta' elf lira Maltin *oltre* aktar spejjez u hlasijiet ohra li nkorra kif indikat aktar 'l isfel u dan kif anke jirrizulta minn Dokument "A" li huwa *invoice* mibghut mill-konvenut *nomine* lil Water Services Corporation datat 15 ta' April 1994 u li fih jinkorpora l-Lm1,000.00,0 li minnhom parti jispettaw lill-attur u Lm150 (*origination of play*) li wkoll hi dovuta lill-attur;

Illi l-attur wettaq ix-xoghol miftiehem ghall-konvenut li gia` thallas minn ghand il-*Water Services Corporation*;

Illi minkejja dan, il-konvenut naqas li jhallas lill-attur l-ammonti segwenti, cioe`:-

Lm1000.00,0 *Overall creative Fee (Direction, design, conception);*
Lm150.00,0 *Origination of TIE play*;
Lm120.00,0 50% ta' l-ispejjez inkorsi ghall-ivjaggar;
Lm80.00,0 Spejjez ta' assistent;
Lm140.00,0 Spejjez ta' animatur bil-prezz ta' Lm3.50 kull *performance x 40.*
b' kollox ammontanti ghal Lm1,490.00,0.

Illi l-konvenut hu ghalhekk debitur ta' l-attur fis-somma ta' Lm1,490.00,0

Illi ghalhekk l-istess attur talab lill-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjarahom responsabbli ghal hlas lill-attur tas-somma ta' Lm1,490.00,0 rapprezentanti spejjez ta' xoghol teatrali u spejjez ohra ancillari;

2. Tordnalhom ihallsu lill-attur l-ammont ta' Lm1,490.00,0.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-13 ta' Gunju 1994 u bl-interessi minn dak inhar, b'riserva ta' l-attur ghal kull azzjoni ta' danni spettanti lilu.

Il-konvenuti ingunti biex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attur a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokument esebit u mmarkat bhala Dok “A” kif jidher minn fol. 4 sa 7 tal-process;

Rat ir-rikors ta’ l-attur datat 17 ta’ Awissu 1994 fejn l-esponent talab lill-Onorabbli Qorti joghgobha tahtar Mhallef Supplenti sabiex dan minnufih jisma’ u jiehu x-xhieda ta’ Anna Walker; u l-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Albert J. Magri, bid-digriet taghha moghti fit-22 ta’ Awissu 1994, laqghet it-talba u appuntat il-kawza ghas-seduta tas-16 ta’ Novembru 1994, u hatret bhala Mhallef Supplenti (skond min kien imissu t-turn) lil Dr. Joseph Ciappara sabiex jisma’ x-xhieda ta’ Anna Walker, previa n-notifika tac-citazzjoni u ta’ dan ir-rikors u digriet lill-kontro-parti.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut Godfrey Grima et *nomine* datata 24 ta’ Novembru 2004 a fol. 17 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi, fl-ewwel lok ikun opportun il-kjamata ‘n kawza tal-*Water Services Corporation* billi kienet l-istess korporazzjoni li approvat il-hlas u effettivament halset.

2. Illi sussidjarjament it-talbiet ta’ l-attur huma nfondati u pendenti fil-fatt u fid-dritt billi m’ hemm ebda ammonti dovuti u pendenti li jridu jithallsu lill-attur.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuti *nomine* a fol. 14, 15 u 16 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Albert J. Magri tas-16 ta’ Novembru 1994; tat-12 ta’ Dicembru 1994; ta’ l-1 ta’ Frar 1995; tal-15 ta’ Marzu 1995; u tal-24 ta’ April 1995 fejn meta ssejhet il-kawza deher l-attur assistit minn Dr. Ray Zammit li nforma l-Qorti li l-partijiet

qablu li jigi mahtur perit legali l-Avukat Dr. Joseph Ciappara. Il-Qorti laqghet it-talba u nnominat lill-istess Dr. Joseph Ciappara u halliet il-kawza ghat-18 ta’ Ottubru 1995; u tat-18 ta’ Ottubru 1995; tas-27 ta’ Novembru 1995; u tas-26 ta’ Frar 1996 fejn il-kawza giet differita ghall-1 ta’ Lulju biex tinstema’ quddiem l-Imhallef Noel Arrigo.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem l-Imhallef Supplenti Dr. Joseph M.Ciappara, u d-dokumenti annessi kif jideher a fol. 26 sa fol. 48 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Arrigo ta’ l-1 ta’ Lulju 1996; tat-2 ta’ Dicembru 1996; tad-9 ta’ Mejju 1997; tas-17 ta’ Ottubru 1997; u l-avviz tat-18 ta’ Frar; u l-verbal tas-seduta tas-6 ta’ Lulju 1998.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef David Scicluna, tal-5 ta’ Frar 1999, fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Ray Zammit ghall-attur. Il-Qorti, minhabba l-indispozizzjoni ta’ Dr. Joe Ciappara f’dan l-istadju ssostitwiet ghalieh lil Dr. Paul Gauci Maistre bl-istess inkarigu. Il-kawza giet differita ghar-rapport ghas-16 ta’ Marzu 1999; u tas-16 ta’ Marzu 1999; tal-15 ta’ Gunju 1999; tat-22 ta’ Ottubru 1999; tat-2 ta’ Frar 2000; tal-5 ta’ Mejju 2000; tas-27 ta’ Ottubru 2000; tas-7 ta’ Dicembru 2000; tat-22 ta’ Frar 2001; tad-19 ta’ Gunju 2001; tal-11 ta’ Dicembru 2001; u l-avviz tat-12 ta’ April 2002 fejn il-kawza giet differita biex tinstema’ quddiem Qorti kif diversament presjeduta ghat-22 ta’ April 2002.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Anton Depasquale tat-22 ta’ April 2002 fejn il-kawza giet differita ghar-rapport ghat-3 ta’ Ottubru 2002.

Rat l-avviz tal-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri u l-verbali tas-seduti mizmuma quddiem l-istess Qorti tat-28 ta’ Novembru 2002; tal-11 ta’ Frar 2003; tat-30 ta’ April 2003; tat-30 ta’

Gunju 2003; tat-12 ta' Novembru 2003; tas-27 ta' Frar 2004; tal-4 ta' Mejju 2004; tat-12 ta' Ottubru 2004; tat-30 ta' Novembru 2004; tat-8 ta' Frar 2005; tat-8 ta' April 2005; tat-8 ta' Gunju 2005; u tal-21 ta' Ottubru 2005 fejn il-kawza giet differita ghall-11 ta' Jannar 2006 ghall-ahhar darba ghar-rapport.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif illum presjeduta tal-11 ta' Jannar 2006; u tat-2 ta' Mejju 2006 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Kris Borg ghall-konvenuti li talab il-kjamat in kawza tal-Water Services Corporation. Il-Qorti tat zmien jumejn (2) biex jipprezenta rikors f'dan is-sens bin-notifika lill-kontro-parti li jkollhom jumejn (2) zmien ghar-risposta. Il-Qorti nnotat li din it-talba saret wara li l-kawza ilha pendenti mill-1994, sadanittant u sakemm ikun hemm decizjoni fuq dan il-punt, l-ordni lill-Perit Legali tal-11 ta' Jannar 2006 hija sospiza. Il-kawza giet differita ghal dan l-iskop u kontinwazzjoni ghat-22 ta' Gunju 2006. Aktar tard deher Dr. Paul Gauci Maistre li ha konjizzjoni ta' dan il-verbal.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Perit Legali Joseph M. Ciappara a fol. 99 sa 103 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem il-Perit Legali Dr. Paul Gauci Maistre flimkien mad-dokumenti hemm esebiti a fol. 104 sa fol. 158 tal-process.

Rat ir-rikors tal-konvenut datat 5 ta' Mejju 2006 a fol. 160 tal-process fejn is-socjeta` konvenuta ttenni t-talba taghha li l-Korporazzjoni ghas-Servizzi ta' l-ilma tigi kjamata fil-kawza; u l-Qorti, bid-digriet taghha moghti fid-9 ta' Mejju 2006, wara li rat ir-risposta ta' l-atturi, cahdet it-talba.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti hekk presjeduta tat-22 ta' Gunju 2006; tas-26 ta' Ottubru 2006; tas-7 ta' Frar 2007; tal-15 ta' Marzu 2007; u tas-17 ta' Mejju 2007 fejn il-kawza giet differita ghall-ezami rapport ghall-24 ta' Ottubru 2007.

Rat ir-relazzjoni tal-Perit Legali Dr. Paul Gauci Maistre datata 21 ta’ Frar 2007 u mahlufa *seduta stante* fis-seduta tas-17 ta’ Mejju 2007 kif jidher a fol. 172 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem din il-Qorti hekk presjeduta tal-24 ta’ Ottubru 2007 fejn meta ssejhet il-kawza deher Dr. Raymond Zammit ghall-attur prezenti. Dr. Chris Borg u l-konvenut issejhu diversi drabi baqghu ma dehrux. Dr. Ray Zammit tratta l-kaz. Il-kawza giet differita ghas-sentenza in difett ta’ ostakolu ghall-31 ta’ Jannar 2008. Aktar tard deher Dr. Kris Borg ghall-konvenut li nforma lill-Qorti li ser jipprezenta rikors biex jipprezenta nota ta’ kritika.

Rat in-nota ta’ kritika tal-konvenut *et nomine* datata 26 ta’ Ottubru 2007 bil-*visto* tad-difensur tal-kontro-parti.

Rat ir-risposta ta’ l-attur datata 7 ta’ Novembru 2007 ghan-nota tal-konvenut li kienet prezentata fis-26 ta’ Ottubru 2006.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi din hija kawza fejn l-attur qed jitlob li jithallas l-ammont ta’ €3470.77 Lm1,490 rappresentanti €2329.37 [Lm1,000] bhala *overall creative fee*, u hlasijiet ohra li nkora in konnessjoni ma produzzjoni ta’ xoghol li huwa gie nkarigat li jaghmel mis-socjeta’ konvenuta kollox kif jidher identifikat fic-citazzjoni attrici.

Illi s-socjeta' konvenuta eccepiet li ghandha tigi kjamata fil-kawza l-Water Services Corporation u li ma kienux dovuti l-ebda ammonti ulterjuri mis-socjeta' konvenuta.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li s-socjeta' konvenuta kienet inkarigat lill-attur li jghamel rappresentazzjonijiet indikati fic-citazzjoni attrici u dan skond kwotazzjoni li giet accettata mis-socjeta' konvenuta, u mil-liema kwotazzjoni esebita bhala Dok. "E" a fol. 31 tal-process jirrizulta li l-partijiet kienu ftehmu dwar l-ammont li kellu jithallas ghal dak indikat bhala *"overall creative fee (direction, design, conception"* fis-somma ta' €2329.37 [Lm1,000] u wkoll ghall-ammont ta' €232.94 [Lm100] bhala *"organisation of TIE play".* Dan jirrizulta kkonfermat mix-xhieda ta' Anna Walker impjegata tas-socjeta' konvenuta stess tul ix-xhieda kollha taghha. F'dan il-kuntest din il-Qorti thoss li kemm id-dokumenti u kemm ix-xhieda moghtija jindikaw li dwar l-istess ammonti l-konkluzjonijiet tal-perit legali huma korretti u qed jigu adottati minn din il-Qorti.

Illi ghalhekk f'dan il-kuntest l-oggezzjoni li qed taghmel is-socjeta' konvenuta ghall-hlas ta' l-istess ammonti anke permezz tad-Dok. "GG 11" sa "GG 13" ma tistax tigi akkolta u dan peress li jidher car li permezz ta' l-istess ittra datata 17 ta' Mejju 1994, is-socjeta' konvenuta kienet qed tipprova tbiddel il-ftehim li kien gja gie konkluz bejn l-istess socjeta' konvenuta u l-attur. Illi mill-istess Dok. "E" u mix-xhieda ta' Anna Walker, li kienet impjegata bhala *"marketing consultant"* mas-socjeta' konvenuta stess, ma hemm l-ebda dubju li dan il-pagament ta' €2,329.37 [Lm1,000], pretiz mill-attur fic-citazzjoni attrici bhala valur ta' dak indikat, kien gie accettat mill-istess socjeta' konvenuta u fil-fatt l-istess imsemmija socjeta' konvenuta kienet thallset l-istess ammont mill-Korporazzjoni tas-Servizzi ta' l-Ilma. Dan sahansitra jinsab ikkonfermat mid-Dok. "A" anness mac-citazzjoni attrici, liema dokument inkiteb mis-socjeta' konvenuta stess, permezz tal-istess Anna Walker.

Illi ovvjament l-istess jista' jinghad dwar l-ammont ta' Lm100 fuq indikat ghall *"origination of play"* u fil-fatt din il-

Qorti thoss li gie ppruvat li kien hemm ftehim ghall-hlas ta' l-istess ammont.

Illi dwar l-ammonti ta' €279.52 [Lm120], €186.35 [Lm80], u €326.11 [Lm140] rispettivament indikati fic-citazzjoni attrici u li saret riferenza ghalihom fir-rapport tal-perit legali bhala *items* (c), (d) u (e) jirrizulta li l-ebda wahda mill-istess spejjez indikati ma kienu gew miftehma u accettati mis-socjeta' konvenuta u dan jibqa' japplika anke jekk wiehed jaghmel riferenza ghad-Dok. "E", tant li fil-fatt jidher li gew approvati biss ammonti ndikati li kienu inferjuri ghal dawk sottomessi mill-attur u ghalhekk it-talba attrici dwar l-istess qed tigi michuda. F'dan il-kuntest jista' jinghad li l-attur ma ppruvax fil-grad rikjest mill-ligi li kien hemm xi ftehim bejn il-partijiet fil-kawza odjerna li kien jinkludi l-hlas ta' l-istess spejjez illum indikati fic-citazzjoni attrici.

Illi f'dan il-kuntest jinghad li r-relazzjoni bejn il-Korporazzjoni tas-Servizzi ta' l-Ilma u s-socjeta' konvenuta hija differenti minn dik bejn is-socjeta' konvenuta u l-attur, u fil-fatt l-unika relazzjoni li hija mertu tal-kawza odjerna hija dik bejn l-attur u s-socjeta' konvenuta. Hekk baqghet is-sitwazzjoni tant li l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta qed tigi michuda u allura ssegwi li l-ftehim bejn is-socjeta' konvenuta u l-Korporazzjoni tas-Servizzi ta' l-Ilma mhux l-istess bhal dak bejn l-attur u s-socjeta' konvenuta. F'dan is-sens il-posizzjoni hija cara anke mill-ittra datata 10 ta' Mejju 2005 li tinsab fil-*file* tal-Korporazzjoni.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta wkoll li wara l-kwotazzjoni originali kien sar bdil fin-numru ta' rappresentazzjonijiet li kellhom isiru tant li dawn telghu ghall-173 *performances*; jidher li l-partijiet jaqblu li attwalment kienu saru b'kollox *143 performances* u allura s-socjeta' konvenuta qed tghid li bejn il-partijiet fil-kawza odjerna ghandu jsir tnaqqis mill-ammont rikjest mill-attur.

Illi l-attur sostna li l-ftehim ma kienx marbut biss man-numru ta' *performances*, peress li ma kienx possibbli li t-tfal ikunu f'udjenza f'hinijiet differenti, ma kienx possibbli li

jingabru f'hin wiehed u ghalhekk minflok erba' *performances* kienu jsiru tnejn, u li l-*invoice* li harget kienet tirreferi ghall-*perfomances* li saru.

Illi l-perit legali sostna li ghall-bidu kellhom isiru 125 *performances* u kien biss wara li l-ammont gie mtella ghal 173, u ghalhekk la dan huwa iktar mill-ammont originarjament indikat l-attur ma ghandu jsofri ebda tnaqqis. Din il-Qorti ma taqbilx ma' dan ghaliex jirrizulta li wahda mill-ispizi ndikati, fil-ftehim bejn il-partijiet kienu dawk ta' Lm10 ghall-attur *(actor)* ghal kull rappresentazzjoni u ghalhekk la darba saru biss 143 rappresentazzjoni, l-ammont li kellu jithallas l-attur ghall-ewwel *item* indikata fid-Dok. “E” kellha tkun ta' €3331.00 [Lm1,430] u mhux ta' €4029.82 [Lm1,730] li attwalment ircieva, u b'hekk din il-Qorti thoss li minn dak li ghandu jircievi l-attur skond din id-decizjoni ghandha titnaqqas is-somma ta' €698.81 [Lm300] li thallas izjed kif hawn spjegat. Fil-fatt jekk kien hemm bzonn ta' konferma ta' dan hemm l-ittra li l-istess attur kien kiteb lil Korporazzjoni tas-Servizzi ta' l-Ilma datata 13 ta' Lulju 1994, li tindika li ghall-atturi *(actors)* l-ammont dovut kien ta' €3342.07 [Lm1,434.75] u mhux €4029.82 [Lm1,730].

Illi din il-Qorti thoss li dan huwa korrett peress li certament li l-hlas indikat lill-atturi *(actors)* kien ibbazat fuq l-ammont indikat ta' rappresentazzjonijiet tlieta u ghoxrin Ewro u disgha u ghoxrin centezmu (€23.29) [b'ghaxar liri Maltin [Lm10]] ghall kull attur ghall kull presentazzjoni u ladarba kien hemm biss 143 minnhom il-hlas kellu jkun biss ta' €3,331 [Lm1,430].

Illi l-fatt li l-Korporazzjoni hallset ammont iktar minn dan ghall-istess *item* lis-socjeta' konvenuta u li min-naha taghha hallset lill-attur l-istess somma (u dan kif jirrizulta mix-xhieda ta' Anne Walker u wkoll mid-Dokument “A” (fol. 6 u 7) anness mac-citazzjoni attrici), ma jfissirx li dan huwa korrett u la darba l-mertu tac-citazzjoni attrici huwa parti mill-istess relazzjoni u nkarigu moghti mis-socjeta' konvenuta lill-attur, dan l-ammont ghandu jitnaqqas mill-ammont indikat ta' €2678.78 [Lm1,150] b'dan li l-ammont attwalment dovut lill-attur huwa ghalhekk ta' tmien mija u

hamsin Lira Maltija €2678.75 - €698.81 - €19579.97 (Lm1,150 – Lm300 = Lm850)

Illi dwar il-kontestazzjoni li l-ammont ma kellux jaccedi s-somma ta' €9317.49 [Lm4,000], jidher li din is-sitwazzjoni kienet tbiddlet kemm fil-kors tan-negozjati bejn il-partijiet f'din il-kawza u wkoll waqt li kienu qed jigu esegwiti x-xoghlijiet, u dan jirrizulta kemm mix-xhieda ta' l-attur, kemm mid-dokumenti esebiti, u kif ukoll mix-xhieda ta' Anne Walker, impjegata mas-socjeta' konvenuta stess, li ghaddiet hija stess id-dokumenti ghal hlas mis-socjeta' attrici lill-*Water Services Corporation*.

Illi dan jikkonferma li minhabba l-izviluppi li sehhu kemm qabel u kemm waqt li kienu qed isiru l-istess rappresentazzjonijiet, bejn il-partijiet il-limitu fis-somma ta' €9317.49 [Lm4,000] ma kienx wiehed li baqa' japplika u dan huwa rifless kemm f'diversi dokumenti, mhux lanqas dak datat 15 ta' April 1994 (fol. 7), u ironikament anke min-nota ta' osservazzjonijiet tas-socjeta' konvenuta stess peress li l-ammont minnha ndikat, anke jekk wiehed jiehu l-kalkoli taghha, jaccedi wkoll l-istess somma.

Illi ghalhekk din il-Qorti thoss li t-talba attrici fil-konfront tas-socjeta' konvenuta ghandha tigi milqugha ghall-ammont ta' elf disa' mija u disgha u sebghin Ewro u sebgha u disghin centezmu (€1979.97) [tmien mija u hamsin Lira Maltija (Lm850)].

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta' konvenuta u tichad it-tieni eccezzjoni biss in kwantu l-istess hija nkonsistenti ma' dak hawn deciz, **tilqa' t-talba attrici** biss fis-sens hawn deciz b'dan illi:-

1. Tiddikjara lill-konvenuti nomine responsabbli ghal hlas lill-attur tas-somma ta' elf disa' mija u disgha u sebghin Ewro u sebgha u disghin centezmu (€1979.97)

[tmien mija u hamsin lira Maltija (Lm850)] rapprezentanti spejjez ta’ xoghol teatrali kif hawn deciz;

2. Tordna lill-konvenuti *nomine* ihallsu lill-attur l-ammont ta’ elf disa’ mija u disgha u sebghin Ewro u sebgha u disghin centezmu (€1979.97) [tmien mija u hamsin lira Maltija (Lm850)].

Bl-ispejjez kwantu ghall-erbghin fil-mija (40%) ghall-attur u kwantu ghall-sittin fil-mija (60%) ghall-konvenuti *nomine* u bl-imghax legali mid-data tat-30 ta’ Awissu 1994 sal-effettiv pagament.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------